**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 4 ta' Ottubru 2019**

**Rikors Numru : 12/2019JPG**

**Kawza Numru : 23**

**DN**

**U**

**EA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' DN u EA, datat 10 ta' Jannar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi huma zzewgu fir-Registru taz-Zwieg, fil-Belt Valletta, Malta, fit-22 ta' Marzu 2014 u dan iz-zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 406/2014 skond ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala "Dokument A", u minn dan iz-zwieg ma twieldu l'ebda tfal.*

*Illi r-rikorrenti ilhom separati de facto mis-6 ta' Jannar 2015 u sussegwentement isseparaw legalment bis-sahha ta' kuntratt ta' seprazzjoni personali fl-atti tan-nutar Dottor Michael Joseph Galea tal-11 ta' Jannar 2016, li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument B" liema kuntratt gie ippublikat wara li inghatat l-awtorizzazzjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) b'digriet numru 124/2016 tal-5 ta' Jannar 2016, skond "Dokument C" hawn anness.*

*Illi skond it-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-11 ta' Jannar 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Joseph Debono, Dokument B surreferit, l'ebda manteniment m'huwa dovut bejn ir-rikorrenti u ma hemm ebda pendenzi ohrajn bejn ir-rikorrenti*

*rizultanti mill-istess att ta' separazzjoni. Inoltre, l-kondizzjonijiet kollha ta' l-istess att gew mwettqa minnhom.*

*Illi ma' hemm l-ebda prospett ragionevoli ghal-rikonciljazzjoni bejn ir-rikorrenti stante illi ilhom is-snin mifrudin min xulxin u ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u huma kuntenti jghixu l-hajja separata taghhom.*

*Illi r-rikorrenti ilhom separati legalment iktar minn erba' snin.*

*Illi dawn il-fatti qed jigu kkonfermati bil-gurament tar-rikorrenti tramite affidavit li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala "Dokument D".*

*Illi b'hekk ir-rikorrenti jisodisfaw r-rekwisiti kollha ghal-ottjeniment ta' divorzju skjond artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

*i. Tippronunzja d-divorzju bejn ir-rikorrenti kif stipulat f'artikolu 66C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*ii. Tordna lil Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal dan il-ghan minn din l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju taghhom sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

*U dan taht dawk il-provedimenti kollha illi din l-Onorabli jidrulha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**DN** xehed permezz t'affidavit a fol 12 *et seqq* u permezz *ta' video conference* a fol 22 et seqq., illi l-partijiet izzewgu fit-22 ta' Marzu 214 u kienu ottjenew is-separazzjoni de facto fis-6 ta' Jannar 2015 u legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fil-11 ta' Jannar 2016. Xehed illi minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda ulied u illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**EA** xehdet a fol 18 *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda ta' DN.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-22 ta' Marzu 2014 (vide Dok A fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw de fato fis-6 ta' Jannar 2015 u legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Michael Joseph Galea, datat 11 ta' Jannar 2016 (vide Dok.B fol 5 et seqq.) u li m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat inoltre illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata ghal akar minn erba' snin u li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**